# 100 Sena Parroċċa

**Billi** l-post imsejjaħ Raħal Ġdid (Pawla) fil-limiti ta' Ħal Tarxien huwa wisq bogħod mill-Knisja Parrokkjali tiegħu taħt l-isem ta' Marija Mħabbra mill-Anġlu, u b'hekk jiġri li l-Kappillan ma jistax jieħu ħsieb ta' dawk li joqogħdu hemm, u billi dawn in-nies li issa kibru ħafna fil-għadd, għad jeħtieġu ħafna ħwejjeġ, għalkemm ħasbilhom għal xi ftit ir-Rettur tal-Knisja mkabbra ta' hemm, li l-ewwel kienet imsemmija għal Santa Baldiska Verġni tal-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann u issa għal Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, kif qalulna n-nies stess ta' hemm fiż-żjara pastorali; aħna bis-setgħa li għandna bħala Delegat Appostoliku fiż-żjara, nifirdu dan il-post imsejjaħ Raħal Ġdid bin-nies kollha tiegħu mill-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien u lill-imsemmija knisja taħt l-isem tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù nwaqqfuha u ngħarrfu li hi mwaqqfa bħala Knisja Parrokkjali ġdida bil-jeddijiet, drittijiet, setgħat tal-ħsieb tal-erwieħ u tal-amministrazzjoni tas-Sagramenti kollha li soltu jamministraw il-kappillani, u bid-dmirijiet, xogħol, piżijiet, unuri, ilbies u drittijiet parrokkjali. Bħala doti u għajnuna tal-Kappillan inħalluha d-dħul magħruf u dak li jinqala', il-primizji, il-qliegħ u d-drittijiet l-oħra li n-nies ta' hemm kienu soltu jagħtu lill-Knisja Parrokkjali tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien.



Biex ma jinqalax taħwid fuq il-limiti, aħna nifirdu lil din il-Parroċċa ġdida tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù mill-imsemmija Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien kif jidher fil-pjanta li tinsab hawn, li hi miġjuba u ffirmata mill-Kappillan tal-lum.

Biex jieħu ħsieb tal-erwieħ ta' din il-Parroċċa ġdida, sa ma jintgħażel il-Kappillan, aħna nqiegħdu u nħallu jagħmilha bħala Vigarju Kurat lill-maħbub tagħha fi Kristu Dun Salv Busuttil u f'idejh inħallu l-amministazzjoni tas-Sagramenti



kollha tal-knisja u rridu u nġiegħlu, taħt il-peni li tqiegħed il-liġi tal-Knisja, li dawk kollha li joqogħdu fl-imsemmi Raħal Ġdid għandhom jagħtu lill-Kappillan il-ġdid jew lill-Vigarju tiegħu jew lill-Ekonomu, il-primizji, dħul, drittijiet u ħlas kollu ċert kemm ukoll inċert.

Intant bis-setgħa tagħna ndawru u ngħarrfu li hu mdawwar it-titlu ta' benefizzju u l-ġuspatronat sekulari mill-knisja msemmija għall-altar tal-ġenb taħt l-isem tal-istess Santa Baldiska, kif għedna fl-Editt tagħna tad-29 ta' Awwissu 1905, u nwaqqfu u ngħarrfu li hu mwaqqaf l-altar maġġur taħt l-isem li għedna tal-Qalb ta' Ġesù.

Mogħti f'Malta f'Palazz Arċiveskovili Tagħna tal-Belt Valletta, fit-12 ta' Lulju 1910.

**Kan. Lwiġi M. Camilleri**
*Kanċillier*

Corner Pet Shop

Tarxien Road, Paola